Maltese / Malti

AEC
Australian Electoral Commission

# Ieqaf u kkunsidra

Waqt elezzjoni federali, jintqalu u jinkitbu ħafna affarijiet dwar il-proċess tal-votazzjoni. **Xi wħud minnhom jistgħu jkunu foloz jew qarrieqa.**

Ieqaf u kkunsidra l-kontenut u s-sors ta' dak li tara, tisma' jew taqra dwar il-proċess.

Test, stampi, vidjows jew awdjo ġenerati mill-AI jistgħu jintużaw biex jippruvaw iqarrqu bik dwar fejn tivvota, kif timla l-karti tal-vot u għalfejn il-proċess jista' ma jkunx ta' min jafdah. **Kulħadd jista' jiġi affettwat.**

Uża ammont korrett ta' xettiċiżmu. Iċċekkjaha jew injoraha, imma taqsamiex ma' ħaddieħor jew terġa tippowstjha. Tista' wkoll tirrapportaha lill-post fejn rajtha. Issapportja lill-ħbieb u familja biex jagħmlu l-istess.

L-Awstralja għandha waħda mill-aktar sistemi elettorali affidabbli/afdata fid-dinja. Tappartjeni għall-votanti u aħna lkoll għandna r-responsabbiltà li nipproteġuwha.

## Tirriskjax dak li għandna.

### Iċċekkja l-kontenut

**Fittex:**

- kliem li jikkawżaw emozzjonijiet kbar, bħal xokk, rabja jew eċċitament
- li jiġu ppreżentati numru żgħir ta' għażliet, minflok kollha kemm huma
- li jingħata t-tort lill-grupp jew persuna partikolari li mhumiex l-uniku persuna/grupp responsabbli
- attakk fuq persuna minflok li jiffoka fuq l-argument.

### Iċċekkja s-sors

**Staqsi lilek innifsek:**

- Minn fejn ġiet l-informazzjoni? Minn post affidabbli?
- Mill-Awstralja jew minn barra?
- Tista' tkun AI? It-teknoloġija tal-AI tagħmilha faċli li jinħolqu test, stampi, vidjows u awdjo foloz.
- Għalfejn ġiet ippubblikata? Hemm xi raġuni għalfejn xi ħadd jista' jkun li qed jipprova jikkonvinċik b'xi ħaġa li m'hijiex vera?

### Iċċekkja l-websajt tagħna

**Ikseb informazzjoni vera:**

- meta tivvota
- kif jiġu magħduda l-voti
- kif jiġi deċiż ir-riżultat
- Kif l-AEC iżżomm il-voti sikuri.




**aec.gov.au** 13 23 26

Segwina biex tisma' mingħandna direttament

Awtorizzat mill-Kummissarju Elettorali, ,Canberra
Authorised by the Electoral Commissioner, Canberra

25-2108